

Id-Dimensjoni Soċjali tar-riforma tal-PKS

1. X'INHI D-DIMENSJONI SOĊJALI TAS-SETTUR TAS-SAJD TAL-UE?

Sal-2007 (sa meta hemm ċifri sħaħ disponibbli), l-għadd totali ta' impjieg full time fis-settur tas-sajd tal-UE (inklużi l-qbid, l-akkwakultura, l-ipproċessar u s-servizzi anċillari għas-setturi l-oħra) kien jilħaq kważi 355 000. Kien hemm kważi 145 000 (46 %) impjieg fis-settur tal-qbid, 137 000 (34 %) fis-settur tal-ipproċessar u 55 000 (16 %) fl-akkwakultura. Il-bqija 4 % (18 000) tal-impjieg kienu fis-servizzi anċillari. Il-flotot ta' skala żgħira ta' mal-kosta (bastimenti inqas minn 12-il metru b'irkaptu passiv) jirrapreżentaw madwar 40 % tal-impjieg fis-settur tal-qbid u madwar 80 % tal-bastimenti tas-sajd tal-UE.

Meta mqabbel mal-ekonomija kollha tal-UE, is-settur tas-sajd tal-UE jirrapreżenta inqas minn 0.2 % tal-impjieg kollha tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri (eżempju l-Greċja, 1.5 %), jew f'reġjuni (eżempju Galicia, Spanja 3 %), jew f'komunitajiet kostali (eżempju Killybegs, l-Irlanda, 68 %) is-settur huwa sors importanti ta' impjieg. Ix-xejriet tal-impjieg huma negattivi, skont l-evoluzzjoni ta' bosta setturi primarji fl-UE – mill-2002 l-impjieg naqas b'31 % fis-settur tal-qbid u b'16 % fl-akkwakultura. Fl-ipproċessar l-impjieg naqas biss b'6.5 % billi l-industrija qiegħda dejjem iżjed tiddependi fuq importazzjoni minn diversi Stati Membri jew minn pajjiżi terzi.

2. X'INHUMA L-KWISTJONIJIET SOĊJALI FIS-SETTUR TAS-SAJD TAL-UE?

Minbarra t-tnaqqis fl-impjieg msemmi hawn fuq (partikolarment fis-settur tal-qbid), il-Valutazzjoni tal-Impatt tar-riforma tal-PKS identifika l-**attraenza baxxa** bħala problema ewlenija tas-settur tal-qbid, partikolarment għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda tas-sajjieda. Studju riċenti ta' 24 komunità kostali juri li l-flotot qegħdin jiltaqgħu dejjem iżjed ma' diffikultajiet biex jgħaqqdu ekwipaġġ b'nies lokali, ikkwalifikati tajjeb u qed ikollhom jirrikorru għal stranjeri jew – fil-flotot ta' skala żgħira – ikomplu jaħdmu anke aktar mill-età legali tal-irtirar.

Dak in-nuqqas ta' attraenza huwa r-riżultat ta' pagi relattivament baxxi (meta mqabbla ma' impjieg fuq l-art) flimkien ma' kundizzjonijiet ħarxa ta' xogħol u kwistjonijiet ta' sikurezza. Flimkien ma' dan, **l-għadd ta' impjieg li jiddependu fuq is-settur tas-sajd qed jonqos fil-maġġoranza ta' żoni kostali** li jwassal għal riskju li xi wħud minnhom ma jibqgħux vijabbli fil-ġejjieni.

Barra minn hekk l-attività tal-akkwakultura fl-Ewropa staġnat fis-snin riċenti, allura ma baqgħetx tippovdi l-impjieg tant b'żonnjużi f'żoni kostali u dawk interni fl-Ewropa. L-akkwakultura għandha l-potenzjal li toħloq impjieg aktar attraenti (is-salarji medji huma oġhla u l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma aħjar mis-sajd tal-qbid) iżda l-potenzjal ta' din l-attività għadu ma ġiex sfruttat għal kollox fl-Ewropa.

3. X'JIĠRI JEKK MA JKUNX HEMM RIFORMA TAL-PKS?

Is-simulazzjonijiet imwettaq fil-Valutazzjoni tal-Impatt tar-Riforma tal-PKS juru li jekk ma ssirx riforma fil-PKS, it-tnaqqis fl-impjieg fis-settur tal-qbid ser ikomplu jonqos b'rata għolja ta' 1 – 2 % fis-sena. Il-kwalità tal-impjieg, f'termini ta' pagi u sikurezza, se jibqgħu baxxi. Evoluzzjoni bħal din ser ikollha impatti negattivi qawwija fuq il-vijabbiltà tal-aktar komunitajiet kostali vulnerabbli.

4. X'INHUMA L-GĦANIJET SOĊJALI TAL-PKS RIFORMATA?

Waħda mill-għanijiet ewlenin tal-PKS hija s-sotennibbiltà soċjali, u l-PKS riformata għandha l-għan li tikseb fuq medda medja jew twila l-għanijiet soċjali li ġejjin:

- li treġġa' lura t-tnaqqis fl-impjiegi fis-settur tas-sajd, partikolarment fil-qbid;
- li żżid l-attraenza tas-settur tas-sajd u li tibdlu f'sors ta' impjieg ta' kwalità għolja;
- li tiżgura l-vijabbiltà tal-komunitajiet kostali permezz tal-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi;
- li tiffaċilita t-tranżizzjoni għal sajd sostenibbli;
- li tisfrutta l-potenzjal tal-akkwakultura Ewropea sabiex tespandi u toħloq impjiegi ġodda kemm fiż-żoni interni kif ukoll fl-akkwakultura tal-baħar.

L-għodod kollha tal-PKS il-ġdida għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet; madankollu, l-għodda ewlenija tal-PKS il-ġdida f'dan ir-rigward huwa l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (il-FEMS). Meta mqabbel mal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES), il-FEMS iġib bidla fundamentali fl-approċċ għall-iffinanzjar pubbliku għas-settur tas-sajd, billi jiffoka fuq azzjonijiet kollettivi u fuq il-vijabbiltà ta' żoni kostali, iktar minn fuq sussidji għall-flotot li jibbenefikaw biss lis-sidien tal-bastimenti. Għalhekk, il-FEMS jipproponi li jelimina bosta mill-miżuri attwali tal-flotot u minflok juża din il-parti tal-finanzjament għall-kisba ta' vijabbiltà ekonomika tal-flotot u tas-settur tal-akkwakultura (innovazzjoni, valur miżjud u kummerċjalizzazzjoni) u għall-promozzjoni tal-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' żoni li jiddependu fuq is-sajd.

5. KIF SE NREĠĠGĦU LURA T-TNAQQIS FL-IMPJIEGI FIS-SETTUR TAS-SAJD?

Il-kisba ta' sostenibbiltà ambjentali malajr kemm jista' jkun hija kundizzjoni preliminari għal sostenibbiltà soċjali. Is-simulazzjonijiet fil-Valutazzjoni tal-Impatt tar-riforma tal-PKS juru li meta jintlaħqu l-livelli tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (Maximum Sustainable Yield – MSY), il-Qabdiet Totali Permissibbli (Total Allowable Catches – TACs) ser jiżdiedu; iż-żieda totali ser tkun tal-anqas 20 % sal-2020. **Żieda sinifikanti bħal din għandha potenzjal li toħloq impjiegi ġodda fis-settur tal-qbid**, kif jidher mill-fatt illi, skont is-simulazzjonijiet, l-impjieg għal kull bastiment diġà ser jiżdied wara l-2017. Dan ukoll jidher mill-esperjenza f'pajjiżi bħal New Zealand, fejn l-użu ta' strumenti tal-immaniġġjar li jippermettu t-tranżizzjoni għal sajd sostenibbli, li jixbhu ħafna dawk proposti mir-riforma tal-PKS, finalment irriżultaw f'żidiet fil-qbid u, konsegwentament, fl-impjieg ta' aktar kapital u nies fil-flotot.

L-esperjenzi proprji tal-UE saħansitra juru dan billi 13-il stokk tal-UE diġà jinsabu fil-livell tal-MSY u xi wħud oħra ser jilhqun f'sena jew sentejn. Dan iippermetta żidiet fit-TACs għall-2012 (eżempju l-eringi fil-Baħar Ċeltiku, il-merluzz bil-Baħar Irlandiż, il-petriċi fil-Lbiċ tal-Atlantiku u l-Eringi tal-Baħar tat-Tramuntana biex insemmu biss ftit). Huma preċiżament dawn iż-żidiet fit-TACs li jgħinu biex isostnu l-impjiegi fis-settur u jirrapreżentaw sors sinifikanti ta' dħul addizzjonali għas-sajjieda. Bħala eżempji, dawn iż-żidiet jistgħu jirrapreżentaw dħul addizzjonali ta' EUR 10 miljuni għas-sajjieda tal-erringi fil-Baħar Ċeltiku, dħul addizzjonali ta' EUR 13-il miljun għas-sajjieda tal-merluzz fil-Baħar Irlandiż, jew dħul miżjud bi EUR 12-il miljun għas-sajjieda tal-petriċi fil-Punent tal-Atlantiku. L-ikbar żieda ser tinħass mis-sajjieda tal-eringi fil-Baħar tat-Tramuntana li d-dħul tagħhom jista' jirdoppja sa EUR 212 miljun wara li dan l-istokk jiġi mmaniġġjat b'mod sostenibbli lejn l-MSY tal-2015.

Madankollu, il-problema marbuta mal-għanijiet tal-MSY hija l-perjodu tranżizzjonali diffiċli, fejn huwa mistenni telf addizzjonali fil-medda qasira ta' impjiegi fil-flotot tal-UE li jiddependu fuq stokkijiet mistada żżejjed u li għandhom kapaċità żejda, li huma karatteristiċi tal-maġġoranza tal-istokkijiet tal-UE. Taħt il-FEMS il-ġdid ser ikun hemm appoġġ lis-sajjieda biex jinnavigaw il-perjodu tat-tranżizzjoni għal sostenibbiltà ambjentali. Madankollu, id-dejta ta' hawn fuq turi biċ-ċar li l-ħlas ekonomiku għad-diffikultajiet tal-medda l-qasira għandu jirrendi l-isforz vijabbli, u barra minn hekk, id-dħul ekonomiku addizzjonali se jkollu impatt pożittiv fuq iż-żoni kostali kollha tal-UE.

Żiediet fil-qabdiet u fil-produzzjoni tal-akkwakultura ser joħolqu wkoll **impjiegi addizzjonali fl-ipproċessar**. F'dak ir-rigward, l-estimi juru li talanqas ser jinħolqu 4 500 impjiegi addizzjonali fl-ipproċessar, l-aktar fiż-żoni kostali li jiddependu fuq is-sajd.

Aktar iffokar fuq l-akkwakultura fil-PKS għandu jġib ukoll iżjed impjiegi f'dak is-settur, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jagħtu l-prijorità korretta lill-akkwakultura fil-kuntest tal-immaniġġjar nazzjonali tagħhom ta' żoni potenzjali interni tal-akkwakultura u ta' mal-kosta. Huwa mistenni wkoll li jinħolqu impjiegi taħt l-Assi 4 attwali tal-FES, li ser jibda jirrendi bħalissa u ser ikompli jagħmel dan sal-2015.

Fl-aħħarnett, l-estimi tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-FEMS, ibbażati fuq l-esperjenza tal-LEADER li fuqu kien imfassal l-Assi 4, juru li **ffokar akbar fuq il-pilastru tal-iżvilupp territorjali jista jippermetti l-ħolqien ta' madwar 12 500 impjiegi fiż-żoni kostali sal-2022**, kemm fis-settur marittimu kif ukoll l'hinn minnu.

6. KIF TISTA' TIŻDIED L-ATTRAENZA TAS-SETTUR TAS-SAJD?

Titjib fl-attraenza, partikolarment tas-settur tal-qbid, jeħtieġ azzjonijiet intenzjonati, fuq naħa, biex iżidu d-dħul u l-pagi, u minn naħa l-oħra, titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ u s-sikurezza.

Is-sajd tal-istokkijiet sostenibbli għandu jżid ukoll id-dħul u l-pagi: is-simulazzjonijiet imwettqa fil-Valutazzjoni tal-Impatt tar-riforma tal-PKS juru li **l-medja tal-pagi taħt il-PKS riformata kważi ser tirdoppja** meta mqabbla ma x'jiġri jekk ir-riforma ma ssirx.

Il-miżuri li ġejjin taħt il-FEMS għandhom l-għan li **jnaqqsu l-ispejjeż tas-sajd jew iżidu d-dħul**:

- Miżuri li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal PKS sostenibbli ambjentalment: ix-xiri ta' rkaptu selettiv, l-investment f'taġħmir li jippermetti l-ħżin ta' ħut skartat abbord u l-investment fuq il-faċiltajiet meħtieġa tal-port biex jinħattu qabdiet inċidentali, eċċ;
- appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni u l-iżvilupp tan-negozju bl-intenzjoni li jiżdied id-dħul permezz ta' involviment akbar fil-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom. appoġġ għall-kwalità tal-prodott, għat-tikkettar u għaċ-ċertifikazzjoni, u għall-iżvilupp ta' swieq ġodda;
- organizzazzjoni aħjar tas-swieq permezz tal-appoġġ msaħħaħ għall-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi u tal-promozzjoni ta' proġetti kollettivi mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-sajd; kif ukoll
- iffokar fuq l-innovazzjoni sabiex jitrawmu ideat u prodotti ġodda matul il-katina tal-valur;
- appoġġ għal attivitajiet ġodda mwettqa mis-sajjieda li jistgħu jikkomplimentaw id-dħul tagħhom (involviment fl-immaniġġjar tan-NATURA 2000, ġbir ta' skart).

Il-FEMS ser ikun ukoll għodda importanti għal **titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ u s-sikurezza**. F'dan ir-rigward, ser jappoġġa:

- miżuri ta' sikurezza u ta' saħħa, inklużi kemm modernizzazzjoni abbord u tagħmir individwali ta' sikurezza u kif ukoll kontribuzzjoni għal kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol;
- parir professjonali u taħriġ eliġibbli għal konjugi tas-sajjeda u għajnuna biex jimmaniġġjaw in-negozju tas-sajd tal-familja; kif ukoll
- taħriġ vokazzjonali, kisba ta' kwalifiki mill-ġdid u tagħlim tul il-ħajja.

Dawn l-azzjonijiet kollha għandhom itejbu b'mod sinifikanti l-attrawenza tal-impjegji, partikolarment fis-settur tal-qbid. Madankollu jeħtieġ li jingħataw prijorità mill-Istati Membri fil-Programmi Operazzjonali tal-FEMS. L-għodod tar-riforma tal-PKS jagħtu lill-Istati Membri marġini sinifikanti ta' manuvrar biex jiddefinixxu u jilhqqu l-għanijiet soċjali bil-kundizzjoni unika li preferenzi nazzjonali ma jgħolqux riskju potenzjali li r-riforma tal-PKS ma tilħaqx is-sostenibbiltà ambjentali fuq medda qasira.

Ratifika rapida mill-Istati Membri ta' żewġ Konvenzjonijiet importanti dwar is-sajjeda, jiġifieri l-Konvenzjoni C 188 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Organisation – ILO) dwar ix-xogħol fis-sajd u l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (International Maritime Organisation – IMO) dwar Standards fit-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni, u s-Sorveljanza għal persunal tal-bastimenti tas-sajd ser tkun importanti biex is-settur ikompli jsir iżjed attraenti.

Il-Kummissjoni ser tagħti appoġġ immedjat lis-settur tal-akkwakultura sabiex jingħeleb l-istaġnar li kkaratterizza din l-attività ekonomika matul l-aħħar 15-il sena fl-UE. Sabiex dan iseħħ, il-FEMS jipproponi li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli li jrawmu attivitajiet tal-akkwakultura. Dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jkabbri l-kompetittività u l-viżibbiltà tal-farms u ser jiffokaw ukoll fuq l-idea u l-għarfien mtejba tal-konsumatur u fuq ippjanar imfassal apposta tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni. Permezz tal-promozzjoni ta' prodotti ta' valur għoli, l-iżvilupp ta' swieq ġodda, l-akkwakultura f'żoni interni, l-akkwakultura multitrofik, eċċ, u rispett akbar ta' normi dwar l-ambjent, is-saħħa u l-benessri tal-annimali ser jistimulaw forom ġodda ta' dħul fl-akkwakultura. L-operaturi tal-akkwakultura ser jirċievu wkoll appoġġ għal servizzi ta' konsulenza dwar l-iżvilupp tan-negozju, u dwar il-bidla għall-ekoimmaniġġjar u għall-akkwakultura organika, u forniment ta' servizzi ambjentali.

L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tal-akkwakultura fl-UE billi jissimplifikaw l-amministrazzjoni, jiżguraw allokkazzjoni ta' ilmiġiet u spazju, u jiffaċilitaw id-dħul ta' sajjied ġodda fl-industrija. Għandu jkollhom ukoll rwol attiv fil-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni tal-ġejjieni, li jista' jkun għodda qawwija għall-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali.

7. IL-VIĠABBILTÀ FUQ MEDDA TWILA TA' ŻMIEN TA' KOMUNITAJIET KOSTALI KIF TISTA' TIĠI ŻGURATA?

Il-FEMS jiffoka fuq in-nies, partikolarment sajjieda ta' skala żgħira u fuq żoni kostali li jiddependu fuq is-sajd.

L-iffokar fuq sajjieda ta' skala żgħira jinkiseb bl-inklużjoni ta' miżuri ddedikati (bħal servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju), b'intensità oġhla ta' għajnuna u bil-ħolqien ta' rabta bejn l-allokkazzjoni finanzjarja u s-sehem ta' dawn il-flotot. Lil hinn mill-FEMS, il-PKS il-ġdida ser iżżomm il-limitazzjonijiet attwali għall-aċċess fl-ilmijiet ta' 12-il mil nawtiku u d-dispożizzjonijiet eżistenti fir-rigward tal-kontroll, bħad-deroga għat-tagħmir ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti.

Fir-rigward tal-komunitajiet kostali, il-FEMS jibni fuq is-suċċess tal-Assi 4 attwali tal-FES b'aktar għażliet ta' ffinanzjar għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd, koordinazzjoni fakultattiva tal-FEMS b'possibiltajiet ta' ffinanzjar lokali disponibbli taħt il-FEŻR u l-FAEŻR, u b'total akbar ta' ffinanzjar disponibbli.

Strategġiji integrati ta' żvilupp lokali għandhom isiru għodda għal żoni kostali biex jippromwovu opportunitajiet ġodda ta' impjiegi, fis-settur tas-sajd u 'l hinn minnu. Il-potenzjal għal din id-diversifikazzjoni ekonomika huwa enormi u jinkludi l-ħolqien ta' impjiegi fis-setturi marittimi ġodda li qed jespandu b'mod dinamiku, bħat-turiżmu tas-sajd u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali tas-sajd. Fl-istess ħin dawn l-istrategġiji jistgħu jappoġġaw żieda fil-kontribuzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura għall-ekonomija lokali permezz ta' azzjonijiet immirati li jżidu l-valur tagħhom.

Il-FEMS jinkludi wkoll, għall-ewwel darba, pilastru tal-Politika Marittima Integrata (Integrated Maritime Policy –IMP), immaniġġjat b'mod ċentrali. L-implimentazzjoni tiegħu ser jgħin biex jesplora possibiltajiet ġodda ta' tkabbir u impjiegi fl-ekonomija marittima u fir-reġjuni kostali.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu miżuri addizzjonali taħt il-FES, billi jiffokaw aktar fuq l-Assi 4 bħala mezz biex iħaffu l-proċess tal-ħolqien ta' impjiegi, li diġà beda f'bosta żoni kostali.

Fl-aħħarnett, koordinazzjoni mill-qrib tal-iffinanzjar mill-UE – permezz tal-Qafas Strateġiku Komuni, Kuntratti ta' Sħubija u Żvilupp Lokali mmirat lejn il-Komunità - tiftaħ possibiltajiet ġodda għall-ħolqien ta' impjiegi f'żoni dipendenti fuq is-sajd. Pereżempju, il-Fond Soċjali Ewropew jista' jintuża għal taħriġ mill-ġdid u għal kisba ta' ħiliet ġodda għas-sajjieda, filwaqt li proġetti mmirati għar-riġenerazzjoni urbana taħt il-FEŻR jistgħu jkunu ta' benefiċċju dirett għall-komunitajiet kostali.